MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Rikors Numru. 1691/2001/1

**George, Joseph, Nicholas, Emmanuel, Alice Zahra, Mary Galea, Monica Vella, ilkoll ahwa Baldacchino bhala eredi ta' missierhom Francis Baldacchino, u Kalcedonia Baldacchino u b'digriet tal-20 ta' Lulju 2004 l-atti f'isem Kalcedonia Baldacchino gew trasfuzi f'isem l-atturi kollha stante l-mewt ta' l-istess Kalcedonia Baldacchino.**

**-vs-**

**Anthony sive Twanny Baldacchino u martu Maria Licia Baldacchino.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fl-24 ta' Ottubru, 2001 li permezz tieghu r-rikorrenti esponu bir-rispett:

Illi l-intimati permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 3 ta' Settembru 1997 (Dokument "B") istitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri a favur tal-mejjet Francis Baldacchino u martu Kalcedonia ghall-ammont ta' mija u hamsin elf lira maltija (Lm150,000) dovuta fuq perjodu ta' ghaxar (10) snin mil-lum f'rati konsekuttivi u ininterotti ta' mhux anqas minn sebat elef u hames mitt lira maltija (Lm7500) kull sitt xhur;

Illi r-rikorrenti flimkien mal-intimat Anthony, huma l-unika eredi ta' missierhom Francis Baldacchino limiet fit-13 ta' Jannar 1999 skond certifikat tal-mewt hawn anness bhala Dokument "A" u huma kollha gew istitwiti eredi universali f'ishma indaqs f'testment unica charta datat 30 ta' April 1969 (Dokument "B");

Illi l-intimati naqsu li joneraw l-obbligi taghhom kif deskritti fil-kuntratt tat-3 ta' Settembru 1997 u sa llum huma nasu milli jaghmlu tmin pagamenti li jammontaw ghal sittin elf lira maltija (Lm60,000);

Illi stante li l-intimat Anthony Baldacchino huwa ukoll wiehed mill-eredi universali l-ammont dovut, cert u likwidu lill-esponenti huwa dak ta' tletin elf lira maltija (Lm30,000) dovut lill-esponenti Kalcedonia Baldacchino mart il-mejjet Francis, u l-ammont ta' sitta u ghoxrin elf mitejn u hamsin lira maltija (Lm26,520) dovuta lill-esponenti l-ohra f'ammont ta' tlett elef seba mija u hamsin lira maltija (Lm3,750) kull wiehed;

Illi anke skond l-istess kuntratt sabiex jaghddu l-imghaxijiet fuq l-ammont dovut trid issir ittra ufficjali mill-kredituri;

Illi l-esponenti bhala eredi universitali ta' missierhom Francis Baldacchino qedghid ifittxu l-awtorizazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti kif mehtieg skond Artikolu 259(4) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili sabiex huma jkunu

jistghu jesegwixxu t-titolu ezekuttiv in kwistjoni kontra l-intimati ghal dawk l-ammonti dovuta minnhom;

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett qeghdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzahom jaghmlu dawk il-proceduri necessarji sabiex jesegwixxu l-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu datat 3 ta’ Settembru 1997 kontra l-intimati debituri.

Rat ir-risposta tal-intimat.

Rat is-sentenza taghha tal-14 ta’ Novembru, 2002 li permezz taghha l-Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni tal-intimat.

Rat in-nota ta’ riduzzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Frar, 2006 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw ir-rikors.

Ikkunsidrat.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex ikunu jistghu jesegwixxu l-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu li sar fit-3 ta’ Settembru, 1997 bejn il-konjugi Baldacchino li taghhom huma ko-eredi u l-intimati. Skond ir-rikorrenti meta sar ir-rikors promotur l-intimati kellhom jaghtuhom sittin elf Lira Maltin (Lm60,000) f’arretrati.

Kif gia’ inghad it-tieni eccezzjoni tal-intimati gia’ giet respinta permezz tas-sentenza in parti tal-14 ta’ Novembru, 2002.

Is-sub-artikolu ndikat mir-rikorrenti jindika appunti din il-procedura biex l-eredi tal-krredituri jkunu jistghu jesegwixxu it-titolu esekuttivi in kwistjoni, f’dan il-kaz il-kuntratt li fih l-intimati kkosttiwew ruhhom debituri ghall-ammont imsemmi fir-rikors. Il-pagamenti kellhom isiru bir-rata indikata izda skond ir-rikorrenti l-intimati waqghu lura fil-hlasijiet.

L-intimati eccepew ukoll illi George Baldacchino ma setax jirrapresenta lill-ommu f'dawn il-proceduri ladarba din ma kinitx assenti, izda dan gie korrett bid-digriet tas-26 ta' Frar, 2002. F'kull kaz billi fil-mori tal-kawza Kalcedonia Baldacchino mietet, minflokha fil-kawza dahlu l-istess rikorrenti kollha permezz tad-digriet tal-20 ta' Lulju, 2007.

L-eccezzjoni l-ohra li ma sar ebda dejn la minnhom u lanqas mis-socjeta' Sagirius Limited fil-konfront tar-rikorrenti ma ghandha ebda bazi legali ghaliex il-kawzali mhux id-dejn izda l-kuntratt li sar bejn il-partijiet. Oltre dan is-socjeta' Sagirius m'hijiex citata u l-Qorti ma tifhimx ghaliex saret din il-parti tal-eccezzjoni jekk mhux bi svista.

L-initmati ma resqux provi u ghalhekk jidher li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi milqugha kif ridotta billi jirrizulta car mid-dokumenti esebiti li r-rikorrenti huma l-werrieta tal-konjugi Baldacchino u ma sarx hlas kif dak indikat fin-nota ta' riduzzjoni. Il-hlas sar fl-2004 u ghalhekk wara li bdew dawn il-proceduri.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tawtorizzahom jesegwixxu l-kuntratt datat 3 ta' Settembru, 1997 in atti Nutar Mary Grech Pace, ghall-ammont ta' erbatax-il elef, tmien mija u hamsa u disghin Lira Maltin (Lm14,895). L-ispejjes jithallsu mill-intimati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------